TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 207/24/F

Raymond Cauchi

vs

Bajada New Energy Ltd

Illum, 28 ta' Mejju 2025

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-24 ta' Settembru 2024;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar il-31 ta' Ottubru 2024, u għalhekk tardivament;

Ra l-atti kollha;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduti tal-24 ta' Marzu 2025 u tad-19 ta' Mejju 2025;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' elf Euro (€1,000) rappreżentanti rifużjoni li huwa ħallas fuq ordni ta' sistema fotovoltajika. Huwa jsostni li ġie indott iħallas dan id-depożitu sabiex jikkonkludi l-ordni fuq premessi invertiera u qarrieqa, senjatament li d-depożitu kellu jitħallas dakinhar tal-ispezzjoni stess minħabba li l-*grant* tal-Gvern kienet ser tagħlaq b'mod imminenti. Jallega qerq ukoll fl-informazzjoni dwar is-somma finali li kellu jħallas hu għas-sistema. Meta tramite assistenza ta' familjari kkuntattja lill-azjenda intimata biex jilmenta u jittermina l-kuntratt, kienu offrewlu rifużjoni ta' sitt mitt Euro (€600) mill-elf Euro (€1,000) li kien ħallashom.

Illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent ġiet ukoll korroborata min-neputi tiegħu Franz Cauchi, li kien hu qed jikkorrispondi mal-azjenda intimata stante li r-r-Rikorrent huwa avvanzat fiż-żmien u ma jafx jaqra u jikteb.

Illi t-Tribunal ser jiskarta ir-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata stante li din ġiet ippreżentata tardivament, u ċioe fil-31 ta' Ottubru 2024 meta hija ġiet notifikata fit-8 ta' Ottubru 2024, u għalhekk wara li kienu skorrew it-tmintax (18)-il jum konsentiti mill-liġi.

Illi minkejja li Brian Farrugia, f'isem l-azjenda intimata, kien deher fis-seduti tat-18 ta' Novembru 2024 u tas-27 ta' Jannar 2025 u allura żgur kien jaf b'dawn il-proċeduri, huwa naqas milli jattendi għas-seduti tal-24 ta' Marzu 2025 u tad-19 ta' Mejju 2025 mingħajr ġustifikazzjoni. Riżultat ta' din l-assenza, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti tagħha biex tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur u sejjer jgħaddi biex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent s-somma ta' elf Euro (€1,000).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru